# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 5**

**Rikors numru 167/2016 fl-atti**
**Tar-rikors maħluf numru 754/2011 JA**

**Jennifer mart Alfred Calleja u l-istess Alfred Calleja għal kull interess li jista' jkollu**

***v.***

**Anthony magħruf bħala Lino Attard u martu Rita Filippa Attard**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors tal-konvenuti tal-20 ta' April 2016 li bih talbu korrezzjoni f'rikors ieħor tagħhom tal-4 ta' Mejju 2015. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-konvenuti kienu ressqu appell minn sentenza fl-ismijiet Jennifer Calleja *et v.* Anthony Attard *et* (rikors maħluf numru 754/2011). Billi l-avviż ta' smigħ tal-appell ma kienx ġie notifikat lill-atturi, u, billi l-

konvenuti appellanti ma ħadux ħsieb jagħmlu dak li hu meħtieġ biex issir in-notifika, l-appell fil-15 ta' Diċembru 2014 tħalla *sine die*.

3. Fl-4 ta' Mejju 2015 il-konvenuti Attard, sabiex l-appell ma jitqiesx deżert taħt l-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, talbu b'rikors illi l-qorti "tirriappunta l-appell għal data oħra sabiex tiġi [*sic*] trattata u deċiża". Għalkemm ir-rikors sar minn Anthony Attard *et*, bi żball fuq ir-rikors jingħad li hu "rikors ta' Jennifer Calleja *et*".

4. B'dikriet tal-4 t-Awissu 2015 il-qorti appuntat l-appell għas-16 ta' Novembru 2015 fid-9.00 *a.m.*

5. Ġara li sas-16 ta' Novembru 2015 l-atturi baqgħu ma ġewx notifikati bl-avviż tas-smigħ u l-konvenuti appellanti baqgħu ma ħadux ħsieb li ssir in-notifika. L-appell għalhekk reġa' tħalla *sine die*.

6. B'rikors tat-18 ta' Jannar 2016 l-atturi, wara li osservaw illi l-isem tar-rikorrenti fuq ir-rikors tal-4 ta' Mejju 2015 kien muri ħażin u illi għalhekk ir-rikors huwa "null u bla effett", talbu illi l-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikriet ta' ri-appuntament tal-4 ta' Awissu 2015 u tħassar ukoll id-dikriet tas-16 ta' Novembru 2015 li bih il-kawża kienet tħalliet għal darba oħra *sine die*.

7. Il-konvenuti mbagħad bir-rikors tal-20 ta' April 2016 li fuqu qiegħed jingħata dan il-provvediment tallum talbu korrezzjoni fir-rikors tal-4 ta' Mejju 2015.

8. L-art. 789(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk dwar nullità ta’ atti ġudizzjarji:

> »**789.** (1) L-eċċezzjoni ta’ nullità tal-atti ġudizzjarji tista’ tingħata -
>
> »(*a*) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
>
> »(*b*) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
>
> »(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
>
> »(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:
>
> »Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.«

9. L-art. 174(1)(*b*) tal-istess Kodiċi jrid illi “kull skrittura … jkun fiha … … … l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir”. Fir-rikors *de quo* l-isem tar-rikorrent, *i.e.* l-isem tal-parti li “tidher” fuq ir-rikors, ingħata iżda ngħata ħażin, u għalhekk ma jistax jingħad illi tħares dak li jrid l-art. 174(1)(*d*) għax rikors li ma jgħidx min hi l-parti li qiegħda tidher biex f’isimha jiġi preżentat huwa “nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi”.

10. Madankollu, l-art. 175(1) tal-kodiċi jagħti lill-qorti s-setgħa li “tippermetti tibdil l-iskritturi … … … billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet … … … sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża”.

11. Ir-rikors tal-4 ta’ Mejju 2015 ma jolqotx is-sustanza tal-azzjoni jew xi eċċezzjoni fuq il-meritu iżda biss episodju proċedurali u għalhekk il-korrezzjoni mitluba tista’ ssir.

12. Il-qorti għalhekk tilqa' t-talba magħmula bir-rikors tal-20 ta' April 2016 u tordna illi fuq ir-rikors tal-4 ta' Mejju 2015 jitħassar il-kliem "Rikors ta' Jennifer Calleja *et*" u, minflok, jidħol il-kliem "Rikors ta' Anthony Attard u ta' Rita Filippa Attard".

13. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti konjuġi Attard.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df